QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

(SEDE SUPERJURI)

S.T.O. Prim Imħallef Dr Joseph Azzopardi - President

Onor. Imħallef Dr Joseph Zammit McKeon LL.D.

Onor. Imħallef Dr Edwina Grima LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 31 ta' Ottubru 2018**

**Att ta` l-Akkuza numru 10/2014**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Melchior Spiteri**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-22 ta' Lulju 2014 kontra Melchior Spiteri li bis-sahha tieghu l-istess Avukat Generali wara li ippremetta :

Fl-**Ewwel Kap**, illi fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) għall-ħabta tas-sebgħa nieqes kwart ta' filgħaxija (6:45pm), il-pulizija ġew infurmati li kienet seħħet sparatura fil-ħanut Chef D'Italie ġewwa Triq Birkirkara, San Ġiljan u kien hemm persuna li kienet mietet kaġun ta' din l-isparatura fl-istess stabbiliment. Meta l-pulizija marru fuq il-post sabiex jinvestigaw ulterjorment irriżulta li l-vittma kienet Vittorio Cassone li dak iż-żmien kellu tmienja u ħamsin (58) sena li kien ġie maqtul fuq il-post minn żagħżugħ li kellu bejn it-tmintax (18) u l-għoxrin (20) sena u li daħal fil-ħanut armat b'wiċċu mghotti b'kalzetta tan-nylon ta' kulur ċar ħafna u liebes ġakketta sewda, T-shirt ħamra u ingwanti suwed. Mill-indaġini tal-pulizija li saru in segwitu għal dan l-inċident irriżulta li ż-żagħżugħ responsabbli għal dan id-delitt kien identifikat bħala Melchior Spiteri qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi kif ser jirriżulta mill-fatti tal-każ għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija dakinhar tat-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993), l-akkuzat kien iddeċieda li jidħol jisraq mill-ħanut Chef D'Italie f'liema waqt kien hemm xi ħaddiema li kienu jaħdmu fl-imsemmi ħanut fosthom Vittorio Cassone kif ukoll xi persuni li kienu qegħdin jinqdew. L-akkużat kien mgħammad u armat u kif daħal mar fuq Rose Marie Suda li kienet qed tixtri mill-ħanut fejn talabha l-basket tagħha bl-effetti personali tagħha u nell-frattemp ordna lil Fabrizio Commandini li kien il-kaxxier tal-ħanut sabiex jiftaħ il-kaxxa u jtiħ il-flus li kellu ġo fiha. Jidher li Commandini kellu xi diffikulta sabiex jiftaħ il-kaxxa u fil-pront l-akkużat Melchior Spiteri ipponta l-pistola li kellu fil-pussess tiegħu fid-direzzjoni ta' Vittorio Cassone li dak il-ħin kien ukoll wara l-bank tal-kaxxiera u, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu jew li jqegħdlu ħajtu f'periklu ċar, taħ tir f'qalbu. Vittorio Cassone waqa' mal-art u miet fuq il-post ftit tal-ħin wara minħabba l-ġrieħi gravissimi li sofra minħabba dan id-delitt.

Illi b'għemilu l-imsemmi Melchior Spiteri sar ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll dawk Kriminali tagħha fl-ismijiet Pulizija vs Melchior Spiteri datati bejn is-sebgħa (7) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija wieħed u disgħin (1991) u l-erbgħa (4) ta' Novembru tas- 3 sena elf disa' mija tnejn u disgħin (1992), l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Melchior Spiteri, reċidiv f'delitt, ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt; jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux anqas minn seba' snin (7) u mhux aktar minn ghoxrin sena (20) b' zieda tal-piena ta' rekluzjoni ghal mhux aktar minn tnax -il perjodu, jew, billi jizdiedu pieni ohra stabbiliti fir-regolament tal-habs, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 23, 31(1)(e), 37, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fit-**Tieni Kap** illi b'referenża għall-fatti li seħħew fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkużat u ċioe dakinhar tat-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) għall-ħabta ta' bejn is-sitta u nofs (6:30pm) u s-sebgħa nieqas kwart ta' filgħaxija (6:45pm) l-akkużat iddeċieda li jidħol jisraq mill-ħanut Chef D'Italie f'liema waqt kien hemm xi ħaddiema li kienu jaħdmu fl-imsemmi ħanut fosthom Vittorio Cassone li safa maqtul kif ukoll xi persuni li kienu qedgħin jinqdew. L-akkużat kellu wiċċu mgħammad b'kalzetta tan-nylon u kien armat b'pistola żgħira apparti li kien liebes ingwanti suwed.

Illi jirriżulta mill-investigazzjonijiet illi wara li l-akkużat daħal fil-ħanut hu ħa kontroll illeċitu tal-persuni li kienu fil-ħanut, inkluż persuni li kienu jaħdmu fl-imsemmi ħanut, fosthom Mary Rose Suda li kienet qed tinqeda f'dak il-waqt, Vittorio Cassone, Marco Russo u Silvano D'Agostino, u bl-użu ta' theddid tal-arma ppuntata l-akkużat esiġa mingħand Mary Rose Suda l-basket li kien jappartjeni lilha u li kien fil-pussess tagħha f'dak il-ħin u dan bl-effetti personali tagħha ġo fiħ fosthom ħames karti tal-għoxrin Lira Maltija illum ekwivalenti għal madwar sitta u erbgħin Euro (46) l-waħda. Nell-frattemp l-akkużat ordna lil Fabrizio Commandini li kien il-kaxxier tal-ħanut sabiex jiftaħ il-kaxxa u jtiħ il-flus li kellu ġo fiha fejn fil-kors ta' din is-serqa, l-akkużat spara tir tal-arma li kienet fil-pussess tiegħu fid-direzzjoni ta' Vittorio Cassone li f'dak il-waqt kienu ħdejn il-kaxxier u

qatlu fuq il-post. Jirriżulta li filfatt l-akkużat, wara li spara lil Cassone, seraq l-ammont ta' mija u ħamsin Maltin oħra mill-kaxxa llum ekwivalenti għal madwar tlett mija u ħamsin Euro (350). Sussegwentement waqt l-indaġini li saret mill-pulizija sabiex jiġi identifikat id-delinkwent responsabbli għal dan id-delitt il-vittmi ta' dan il-każ għajr għal Cassone li safa maqtul, għarfu lil Melchior Spiteri bħala l-persuna li kienet ikkomettiet din is-serqa vjolenti.

Illi b'għemilhu Melchior Spiteri, sar ħati ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza (omiċidju volontarju/sekwestru ta' persuna/i u/jew użu ta' armi), mezz (tibdil fil-wiċċ u sura, libes maskra jew għata oħra tal-wiċċ), ħin (wara nżul ix-xemx) u valur (li jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 iżda ma jezorbitax l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37);

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll dawk Kriminali tagħha fl-ismijiet Pulizija vs Melchior Spiteri datati bejn is-sebgħa (7) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija wieħed u disgħin (1991) u l-erbgħa (4) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija tnejn u disgħin (1992), l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati fosthom reati ta' serq.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lil Melchior Spiteri reċidiv f'delitt, ħati ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza (omiċidju volontarju/sekwestru ta' persuna/i u/jew użu ta' armi), mezz (tibdil fil-wiċċ u sura, libes maskra jew għata oħra tal-wiċċ), ħin (wara nżul ix-xemx) u valur (li jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 iżda ma jezorbitax l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37); jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux anqas minn seba' snin (7) u mhux aktar minn ghoxrin sena (20) b'zieda tal-piena ta' rekluzjoni ghal mhux aktar minn tnax –il perjodu, jew billi jizdiedu pieni ohra stabbiliti fir-regolament tal-habs skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 272, 275, 277(b), 278, 279(a), 280(2), 23, 31(1)(b)(e), 37, 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fit-**Tielet Kap** illi waqt iċ-ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel u fit-tieni kap ta' din l-att tal-Akkuża u ċioe' fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) għall-ħabta ta' bejn is-sitta u nofs (6:30pm) u s-

sebgħa nieqas kwart ta’ filgħaxija (6:45pm) ġewwa San Ġiljan, jirriżulta li l-akkużat daħal fil-ħanut Chef D‘Italie fejn ħa kontroll illeċitu tal-persuni li kienu fil-ħanut, inkluż persuni li kienu jaħdmu fl-imsemmi ħanut, fosthom Mary Rose Suda li kienet qed tinqeda f’dak il-waqt, Vittorio Cassone, Marco Russo u Silvano D’Agostino u filfatt dawn inżammu kontra r-rieda tagħhom mill-aggressur u ċioe’ mill-akkużat, fil-kors tas-serqa mill-ħanut imsemmi u mill-persuna tas-sinjura Suda waqt li kienet fl-istess ħanut. L-akkużat ma’ kellu l-ebda dritt jaġixxi b’dan il-mod apparti mill-fatt li din l-azzjoni saret għal skopijiet illeċiti li wasslu għal riperkussjonijiet serji ferm partikolarment minħabba l-qtil u l-mewt ta’ Vittorio Cassone fil-kors tas-serqa u tas-sekwestru in kwistjoni, apparti li indubjament ir-rimanenti vittmi kienu mhedda bil-mewt konsiderando l-qtil effettiv tal-vittma Cassone fil-preżenza tagħha bl-arma li kienet fil-pussess u filfatt ġiet użata mill-akkużat. Di piu dan is-sekwestru sar ukoll bit-tir ta’ estorsjoni ta’ flus minn dawn il-persuni jew min minnhom kif filfatt irriżulta mill-provi.

Illi b’għemilu l-imsemmi Melchior Spiteri sar ħati talli, bla ordni skont il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti arresta, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, żamm jew issekwestra lil xi persuna/i kontra l-volonta’ tagħha/tagħhom b’dan li l-persuna/i arrestata/i, miżmuma jew issekwestrata/i ġiet/ġew offiża fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt, u liema delitt sar bil-ħsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew ħwejjeġ oħra.

Illi b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll dawk Kriminali tagħha fl-ismijiet Pulizija vs Melchior Spiteri datati bejn is-sebgħa (7) ta’ Jannar tas-sena elf disa’ mija wieħed u disgħin (1991) u l-erbgħa (4) ta’ Novembru tas-sena elf disa’ mija tnejn u disgħin (1992), l-imsemmi akkużat instab ħati ta’ diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Melchior Spiteri, reċidiv f’delitt, ħati talli, bla ordni skont il-liġi ta’ l-awtorita` kompetenti arresta, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, żamm jew issekwestra lil xi persuna/i kontra l-volonta` tagħha/tagħhom b’dan li l-persuna/i arrestata/i, miżmuma jew issekwestrata/i ġiet/ġew offiża fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt, u liema delitt sar bil-ħsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew ħwejjeġ oħra; jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ mhux inqas minn disa’ xhur u mhux aktar minn tliet snin priġunerija skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 86, 87(1)(c)(e), 37, 49, 50, 31, 12 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista’ skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

Fir-**Raba' Kap** illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioe` fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) għall-ħabta ta' bejn is-sitta u nofs (6:30pm) u s-sebgħa nieqas kwart ta' filgħaxija (6:45pm) ġewwa San Ġiljan, l-akkużat Melchior Spiteri, f'post iffrekwentat mill-pubbliku u ċioe` fil-ħanut Chef d'Italie ġewwa San Ġiljan waqt li filfatt kien hemm in-nies jinqdew u filwaqt li kien hemm in-nies addetti għax-xogħol fl-istess ħanut, spara arma tan-nar (pistola) u b'liema sparatura qatel lil Vittorio Cassone fil-kors tas-serqa. Lanqas ma jirriżulta li b'xi mod Melchior Spiteri seta' kellu xi liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija li tippermettih jispara arma f'post pubbliku.

Illi b'għemilu l-imsemmi Melchior Spiteri sar ħati talli, ġar arma tan-nar, sew jekk ikkargata jew m'hix, li ma kienitx qiegħda fil-għata tagħha, jew spara xi arma oħra tan-nar, waqt li kien inqas minn 200 metru minn kwalunkwe belt jew raħal, jew f 'postijiet oħra abitati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Melchior Spiteri, ħati talli ġar arma tan-nar, sew jekk ikkargata jew m'hix, li ma kienitx qiegħda fil-għata tagħha, jew spara xi arma oħra tan-nar, waqt li kien inqas minn 200 metru minn kwalunkwe belt jew raħal, jew f 'postijiet oħra abitati; jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' xahrejn detenzjoni; skont dak li hemm u jintqal firregolamenti 11(2)(a), 27(1)(a)(b)(c) u 27(3)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja intitolata regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Għasafar u tal-Fniek Selvaġġ (A.L. 79/2006 – L.S. 504.06) u l-artikoli 12, 23, 31(1)(f) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fil-**Hames Kap** illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioe' fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) għall-ħabta ta' bejn is-sitta u nofs (6:30pm) u s-sebgħa nieqas kwart ta' filgħaxija (6:45pm) ġewwa San Ġiljan, l-akkużat Melchior Spiteri, kellu f'idejh arma tan-nar u munizzjon mingħajr ma' kien debitament liċenżjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa filfatt spara din l-arma kif intqal fil-kapi preċedenti fejn ikkaġuna l-mewt ta' Vittorio Cassone.

Illi b'għemilu l-imsemmi Melchior Spiteri sar ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu, jew f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll dawk Kriminali tagħha fl-ismijiet Pulizija vs Melchior Spiteri datati bejn is-sebgħa (7) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija wieħed u disgħin (1991) u l-erbgħa (4) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija tnejn u disgħin (1992), l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Melchior Spiteri, reċidiv f'delitt, ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu, jew f'idejħ jew fuqu, xi arma tannar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu; jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn xahar sa sentejn skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 3(1A) tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap 66), u l-artikoli 23, 30, 31, 37, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fis-**Sitt Kap** illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe' fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) għall-ħabta ta' bejn is-sitta u nofs (6:30pm) u s-sebgħa nieqas kwart ta' filgħaxija (6:45pm) ġewwa San Ġiljan, l-akkużat Melchior Spiteri, ippunta pistola li kien fil-pussess tiegħu fid-direzzjoni ta' Vittorio Cassone u, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu jew li jqegħdlu ħajtu f'periklu ċar, taħ tir ġo qalbu u qatlu. Apparti minn hekk Melchior Spiteri uża din l-istess arma sabiex jinfluwixxi b'theddid fuq il-persuni l-oħra li kienu ġewwa l-ħanut Chef d'Italie u dan sabiex jassikura li s-serqa li hu iddeċieda li jikkometti biċ-ċirkostanzi vjolenti u traġiċi kollha tagħha tiġi eżegwita u kompjuta b'suċċess. Fil-mument ta' dawn id-delitti, l-akkużat kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar, liema arma ġiet effettivament użata fil-kommissjoni ta' l-imsemmi delitti volontarji kontra l-persuna ta' Vittorio Cassone u l-addeti tal-ħanut Chef d'Italie.

Illi b'għemilu l-imsemmi Melchior Spiteri sar ħati talli, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-

nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu.

Illi b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll dawk Kriminali tagħha fl-ismijiet Pulizija vs Melchior Spiteri datati bejn is-sebgħa (7) ta’ Jannar tas-sena elf disa’ mija wieħed u disgħin (1991) u l-erbgħa (4) ta’ Novembru tas-sena elf disa’ mija tnejn u disgħin (1992), l-imsemmi akkużat instab ħati ta’ diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Melchior Spiteri reċidiv f’delitt, ħati talli, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu; jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux izjed minn sentejn (2) skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 26(a) ta’ L-Ordinanża dwar l-Armi (Kap 66) u l-artikoli 23, 31, 37, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemi akkużat.

Fis-**Seba’ Kap** illi finalment in vista taċ-ċirkostanzi indikati fil-kapi preċedenti ta’ din l-Att tal-Akkuża u ċioe’ fit-tlettax (13) ta’ Jannar tas-sena elf disa’ mija tlieta u disgħin (1993) għall-ħabta ta’ bejn is-sitta u nofs (6:30pm) u s-sebgħa nieqas kwart ta’ filgħaxija (6:45pm) ġewwa San Ġiljan, wara li ġie stabbilit li Melchior Spiteri kien qed iżomm arma fil-pussess tiegħu b’mod illegali li ġiet ukoll użata kif hawn fuq spjegat b’mod illeċitu, u wara li saru d-debiti verifiċi mill-Korp tal-Pulizija dwar l-istess arma tan-nar li intużat mill-akkużat fl-eżekuzzjoni tad-delitti mertu tal-kapi preċedenti ta’ din l-Att ta’ Akkuża u li kif ivverifikata mill-pulizija ma’ kienetx liċenzjata fuq Melchior Spiteri, irriżulta wkoll li l-akkużat lanqas ma nnotifika kemm minnufiħ kif ukoll ulterjorment, lil Kummissarju tal-Pulizija dwar l-arma meta’ din ġiet fil-pussess tiegħu, skont kif inhu wkoll mitlub mill-Liġi.

Illi b’għemilu l-imsemmi Melchior Spiteri sar ħati talli, meta’ ġie fil-pussess ta’ arma tan-nar jew munizzjon, xort’oħra milli b’liċenza, naqas milli minnufiħ jagħti avviż tagħha lil Kummissarju tal-Pulizija.

Illi b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll dawk Kriminali tagħha fl-ismijiet Pulizija vs Melchior Spiteri datati bejn is-sebgħa (7) ta’ Jannar tas-sena elf disa’ mija wieħed u disgħin (1991) u l-

erbgħa (4) ta’ Novembru tas-sena elf disa’ mija tnejn u disgħin (1992), l-imsemmi akkużat instab ħati ta’ diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Melchior Spiteri, reċidiv f’delitt, ħati talli, meta ġie fil-pussess ta’ arma tan-nar jew munizzjon, xort’oħra milli b’liċenza, naqas milli minnufiħ jagħti avviż tagħha lill-Kummissarju tal-Pulizija; jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux izjed minn tliet xhur skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 9(1)(3) ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap 66), u l-artikoli 23, 37, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

**2**. Rat il-verdett moghti fl-1 ta’ Dicembru 2016 li bis-sahha tieghu:

**L-Ewwel Kap –**

**Il-gurati unanimament sabu lil Melchior Spiteri mhux ħati skont l-ewwel kap tal-att tal-akkuża.**

**It-Tieni Kap –**

**Il-gurati b’seba’ (7) voti favur u żewġ voti (2) kontra sabu lil Melchior Spiteri mhux ħati skont it-tieni kap tal-att tal-akkuża.**

**It-Tielet Kap –**

**Il-gurati b’seba’ (7) voti favur u żewġ voti (2) kontra sabu lil Melchior Spiteri mhux ħati skont it-tielet kap tal-att tal-akkuża.**

**Ir-Raba’ Kap –**

**Il-gurati b’seba’ (7) voti favur u żewġ voti (2) kontra sabu lil Melchior Spiteri mhux ħati skont ir-raba’ kap tal-att tal-akkuża.**

**Il-Ħames Kap –**

**Il-gurati b'seba' (7) voti favur u żewġ voti (2) kontra sabu lil Melchior Spiteri mhux ħati skont il-ħames kap tal-att tal-akkuża.**

**Is-Sitt Kap –**

**Il-gurati b'seba' (7) voti favur u żewġ voti (2) kontra sabu lil Melchior Spiteri mhux ħati skont is-sitt kap tal-att tal-akkuża.**

**Is-Seba' Kap –**

**Il-gurati b'seba' (7) voti favur u żewġ voti (2) kontra sabu lil Melchior Spiteri mhux ħati skont is-seba' u l-aħħar kap tal-att tal-akkuża**

**3**. Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-istess jum fejn wara li ippremettiet illi l-gurati ma sabux lill-akkuzat hati tal-ebda kap ta'l-Att tal-Akkuza, rat l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali, iddikjarat lil Melchior Spiteri mhux hati tal-kapijiet kollha dedotti kontra tieghu u ghaddiet biex tilliberah minnufih.

**4.** Rat ir-rikors ta' l-appell li l-Avukat Generali pprezenta fit-22 ta' Novembru 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm imsemmija talab lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tmur lura mill-verdett fir-rigward tas-seba' kapi ta' l-Att tal-Akkuza u tipprocedi skont il-ligi *occorrendo* billi ssib lill-appellat hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu fl-Att ta' l-Akkuza jew tordna li l-appellat jerga' jigi ipprocessat mill-gdid.

**5.** Rat illi skont verbal tal-11 ta' Lulju 2018, l-Avukat Generali irrinunzja ghat-tieni parti tat-talba tieghu.

**6.** Rat ir-risposta tal-appellat Melchior Spiteri tal-11 ta' Gunju 2018.

**7**. Semghet trattazzjoni.

**8**. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**9**. Illi l-Avukat Generali isib oggezzjoni ghall-verdett milhuq mill-gurati u konsegwentement ghas-sentenza appellata billi jghid illi fil-kors tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, u senjatament meta l-indirizz tal-Imhallef kien riesaq lejn it-tmiem tieghu, sehhet irregolarita` gravi li effettwat radikalment il-verdett, ghaliex kien skoss l-andament regolari tal-guri u l-arbitrju seren tal-gurati fi stadju delikat u krucjali meta f'qasir zmien kienet ser tibda id-deliberazzjoni.

**10.** Illi l-Avukat Generali jsemmi li fil-jum tal-31 ta' Ottubru 2016 fid-9.00 a.m., meta l-Imhallef kien wasal biex ikompli u jikkonkludi l-indirizz tieghu lill-gurati, id-difiza talbet, tramite il-Marixxal tal-Qorti, sabiex tkellem lill-Imhallef sedenti.

**11**. Gara li l-Qorti laqghet it-talba tad-difiza u ghalhekk fis-sigrieta tal-Imhallef u **<u>fil-presenza tal-Prosekuturi</u>** li kienu qed imexxu l-guri, id-difensur tal-appellat Dr. Franco Debono nforma lill-Imhallef illi minn ricerka kondotta mill-bank tad-

difiza irrizulta li l-Prim' Gurat, li kienet ta' l-istess eta' tal-akkuzat, kienet minn Bormla, u allura setghet kienet taf lill-akkuzat, peress illi dan huwa minn Bormla wkoll. L-Imhallef kien infurmat ukoll mid-difiza illi ghal habta ta' Awwissu ta' dik l-istess sena u cioe' tal-2016, din l-istess gurat kienet ikkumentata fuq *Facebook* dwar kaz totalment estranju ghall-kaz in ezami fejn kienet wriet in-nuqqas ta' qbil taghha ma' decizjoni tal-Qorti, fuq il-kaz li kienet qeghda tikkummenta dwaru, f`liema kaz persuna kienet inghatat il-helsien mill-arrest meta kienet ghadha kemm inqabdet b'ammont sostanzjali ta' droga fil-pussess taghha. Ghalkemm estranju ghall-kaz taht il-lenti tal-qorti, id-difiza xorta wahda dehrilha illi dak il-kumment seta' jkun ta' pregudizzju ghall-akkuzat. Ghalhekk intalbet ir-rikuza tal-Prim' Gurat f`dak l-ahhar stadju tal-guri, u sabiex tkun sostwita.

**12.** L-Avukat Generali jsostni illi min-naha tal-prosekuzzjoni kien hemm oggezzjoni ghal dik it-talba billi ma kienx permess bil-ligi li din issir fl-istadju finali tal-guri u wkoll billi l-allegat kumment li sar mill-Prim'Gurat kien dwar kaz iehor li ma kien relatat bl-ebda mod ma' dak tal-akkuzat.

**13.** L-Avukat Generali jghid li f'dan l-istadju l-Imhallef talabhom johorgu mis-sigrieta tieghu, u siegha wara, rega' laqqaghhom fl-istess post u nfurmahom illi d-difiza ma kellhiex bazi ghall-oggezzjonijiet taghha. Minn dak li stqarr maghhom l-Imhallef kien evidenti ghall-Prosekuzzjoni illi huwa kellu komunikazzjoni mal-Prim' Gurat tant illi kiseb informazzjoni li ghalkemm din il-mara kienet trabbiet gewwa Bormla ghall-ewwel hames snin ta' hajjitha, wara marret tghix gewwa Santa Lucija, u meta zzewwget, imbaghad marret tirrisjedi n-Naxxar. Fil-fehma

tal-Imhallef il-kumment fuq *facebook* semmai seta` kien ta’ pregudizzju ghall-prosekuzzjoni izda mhux ghad-difiza.

**14**. Wara dan l-episodju jidher illi il-proceduri komplew billi l-Imhallef kompla bl-indirizz tieghu lill-gurati u wara li ntemm l-indirizz, il-gurati bdew bid-deliberazzjoni taghhom sakemm waslu ghall-verdett finali.

**15.** L-Avukat Generali jikkontendi li l-procedura segwieta kienet ghal kollox irregolari tant li harbtet l-andament seren tal-guri u dan ghas-segwenti ragunijiet :-

i. Il-Qorti ma setghet qatt fl-istadju inoltrat tal-guri meta kien ghaddej l-indirizz lill-gurati, tiehu konjizzjoni tat-talba tad-difiza. L-ghazla u r-rikuza tal-gurati hija regolata bl-artikolu 611 tal-Kodici Kriminali fejn hemm imfassal il-procedura li ghandha tigi segwieta fl-ghazla tal-*panel* tal-gurati.

ii. Wara dan l-episodju, minhabba fil-mod kif il-Qorti indirizzat l-ilment tad-difiza, fil-fehma tal-Avukat Generali, meta ssokta il-guri, il-Prim` Gurat dehret vizibbilment skonvolta tant illi allura illi l-gudizzju taghha ma setax kien wiehed hieles u seren.

**16**. L-appellat jilqa’ ghall-appell tal-Avukat Generali billi preliminarjament jissolleva l-pregudizzjali tan-nullita` tal-appell billi jikkontendi illi appell ibbazat

fuq ir-ragunijiet indikati mill-Avukat Generali mhuwiex fondat skont il-ligi in linea mad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament komposta fil-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Allan Galea**" li kienet deciza fis-27 ta' Marzu 2018.

**17.** Illi kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju 2018, l-Avukat Generali rrinunzja ghat-talba sabiex l-appellat jigi pprocessat mill-gdid.

**18.** L-appellat finalment jissottometti illi t-talba li kien ghamel ghar-rikuza tal-Prim' Gurat kienet michuda bhala minghajr bazi u bla gustifikazzjoni fid-dritt u ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali kien infondat.

**Ikkunsidrat :**

**19.** Illi din il-Qorti ezaminat b`reqqa l-atti kollha tal-proceduri li saru quddiem l-Ewwel Qorti b`mod partikolari tenut kont tal-fatt illi l-lanjanza tal-Avukat Generali hija diretta lejn it-talba li allegatament saret mid-difiza ghar-rikuza tal-Prim' Gurat u l-mod proceduralment skorrett kif din saret.

**20**. Illi din il-Qorti mill-ewwel tistqarr illi dak kollu espost mill-Avukat Generali fir-rikors tal-appell ma jsib l-ebda konfort fl-atti. Infatti fil-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2016, meta allegatament saret it-talba mid-difiza li l-Avukat Generali qed issib oggezzjoni ghalija, jaqra hekk :

**“Meta ssejjah il-guri deher l-akkuzat assistit minn Dr. Franco Debono u Dr. Marion Camilleri.**

**Dehru Dr. Kevin Valletta u Dr. Anne Marie Cutajar ghall-Avukat Generali.**

**Issejjhu l-gurati li accedew gewwa l-awla.**

**L-Imhallef kompla jindirizza lil gurati.**

**Billi sar il-hin ghal kafe’, il-Qorti qed taggorna l-guri ghal wara l-waqfa tal-kafe’.**

**Meta rega’ ssejjah il-guri deher l-akkuzat assistit minn Dr. Franco Debono u Dr. Marion Camilleri.**

**Dehru Dr. Kevin Valletta u Dr. Anne Marie Cutajar ghall-Avukat Generali.**

**Issejjhu l-gurati li accedew gewwa l-awla.**

**L-Imhallef kompla jindirizza lil gurati.**

**Billi sar il-hin, il-Qorti qed taggorna l-guri ghal wara l-waqfa tal-ikel ghas-14:30hrs.**

**Meta rega’ ssejjah il-guri deher l-akkuzat assistit minn Dr. Franco Debono u Dr. Marion Camilleri.**

**Dehru Dr. Kevin Valletta u Dr. Anne Marie Cutajar ghall-Avukat Generali.**

**Issejjhu l-gurati li accedew gewwa l-awla.**

**L-Imhallef kompla jindirizza lil gurati.**

**Il-Qorti taggorna l-guri ghal ghada it-Tlieta 1 ta’ Novembru 2016 fid-9:00a.m.**

**21**. Mill-qari ta’ dan il-verbal ma jirrizultax illi saret xi talba mid-difiza fis-sens indikat mill-Avukat Generali. Hu principju li *quod non est in actis non est in mundo,* principju ta’ dritt tramandat lilna mid-dritt ruman. B`din ir-referenza li qeghda taghmel, din il-Qorti bl-ebda mod ma hija qeghda timplika illi l-Avukat Generali vvinta din il-kwestjoni, ghaliex id-difiza stess taqbel illi sehhew il-fatti kif jirrizultaw indikati fir-rikors tal-appell. Mhux biss izda jidher illi t-talba saret

b'mod informali fis-sigrieta tal-Imhallef li ppresjeda il-guri. Ghalkemm proceduralment skorrett, dak li sar ma wassalx sabiex tintlaqa` t-talba tad-difiza. Infatti billi dehrilha li l-esitu kien favorevoli ghaliha, il-Prosekuzzjoni waqfet hemm u ma kienx hemm insistenza da parti taghha li jsir verbal fl-atti tal-guri dwar il-kwistjoni (li kienet risolta). Lanqas ma talbet ix-xoljiment tal-guri minhabba il-fatt illi l-Imhallef allegatament kien ikkomunika mal-Prim' Gurat privatament. Kien biss meta l-verdett hareg li kien ta` liberazzjoni illi l-Avukat Generali sab oggezzjoni ghall-mod kif l-Ewwel Qorti ittrattat il-lanjanza tad-difiza u ghalhekk ressaq dan l-appell.

**22**. Illi minn qari tar-rikors tal-appell jidher illi l-ilment tal-Avukat Generali huwa fis-sens illi jishaq illi kienet proceduralment skorretta l-Ewwel Qorti meta ghazlet li tiehu konjizzjoni tat-talba tad-difiza ghar-rikuza tal-Prim' Gurat fi stadju inoltrat tal-guri u cioe` waqt l-indirizz finali. Kienet wkoll skorretta l-Ewwel Qorti skont l-Avukat Generali dwar kif l-Ewwel Qorti qieset it-talba meta kien hemm komunikazzjoni mal-Prim'Gurat mhux fil-qorti fil-miftuh, tant li, dejjem skont l-Avukat Generali, l-Prim` Gurat kienet skonvolta bil-konsegwenza li l-gudizzju taghha ma setax kien wiehed seren u ghalhekk kien mittiefes il-verdett finali.

**Ikkunsidrat** :

**23**. Bhala punt ta` dritt, ir-rikuza tal-gurati tista' tkun kemm wahda perentorja kif ukoll ghal raguni[1]. Meta tkun perentorja ma hemmx ghalfejn tinghata raguni

[1] Artikolu 611(2) Kodici Kriminali

mill-partijiet ghat-talba taghhom u jistghu jsiru tlett talbiet ghal rikuza minn kull naha. Fil-kaz ta` talba ghal rikuza ta' gurat ghal raguni, ghalkemm ma hemmx limitu ghan-numru ta' talbiet lli jistghu jsiru, madanakollu trid tinghata raguni mill-parti li taghmel it-talba. Imbaghad id-decizjoni tal-ahhar, dwar il-fondatezza o meno tar-raguni, tkun tal-Qorti. Madanakollu talba ghar-rikuza ta` gurat tista' ssir biss qabel ma` l-guri jigi kompost u allura qabel ma` l-gurati jinghataw il-gurament. Mill-mument illi jittiehed il-gurament l-ebda talba ghal rikuza ma tista' tingieb 'il quddiem kif ighid kjarament l-artikolu 614 tal-Kodici Kriminali :

> **"In-nuqqas f'persuna tal-kwalifiki meħtieġa biex tista' sservi ta' ġurat, għandu jinġieb 'il quddiem mill-Avukat Ġenerali jew mill-akkużat. Tista' wkoll tistqarru l-persuna nfisha, jew, jekk tkun ħaġa magħrufa minn kulħadd, tista' tiddikjarah il-qorti. <u>Iżda, jekk dan in-nuqqas ta' dawn il-kwalifiki ma jinġiebx hekk 'il quddiem, jew ma jiġix mistqarr jew iddikjarat, u l-persuna tiġi approvata bħala tajba biex tieħu l-ġurament, wara ma tista' ssir ebda oppożizzjoni minħabba n-nuqqas ta' kwalifiki f'dik il-persuna</u>. (sottolinjar tal-qorti)**

**24.** Ghalhekk ghandu ragun l-Avukat Generali meta jishaq illi t-talba tad-difiza ma setghetx tinstema` mill-Qorti fl-ahhar stadju tal-guri ghaliex t-talba ma messha qatt ingiebet ghall-konjizzjoni tal-Imhallef mid-difiza jekk mhux fil-mod kif tghid il-ligi.

**25. Dan premess, fil-kaz tal-lum, il-Qorti tinsab imhassba ghaliex dak illi qed jitlob l-Avukat Generali mhuwiex daqstant revizjoni ta' l-provvediment li ttiehed fis-sigrieta tal-Imhallef, bil-mod u manjiera diga` mfissra, liema provvediment baqa` ma kienx registrat fl-atti tal-kawza u li l-esitu tieghu kien ghal kollox favur l-Avukat Generali.**

**26. Dak li qed jilmenta minnu l-Avukat Generali huwa limitat u cirkoskritt ghall-mod u manjiera kif l-Imhallef qies il-lanjanza tad-difiza meta il-guri kien wasal fl-ahhar, meta l-lanjanza kienet ghal kollox proceduralment irregolari, izda ukoll ghaliex kien hemm kommunikazzjoni fil-privat tal-Imhallef mal-Prim'Gurat li l-Avukat Generali jikkontendi li ppregudika l-verdett.**

**27. L-ambigwita` tal-istanza tal-Avukat Generali hija mill-aktar evidenti.**

**28.** Issa d-dritt penali nostran ma jaghmel l-ebda linji gwida jew xort`ohra li Imhallef li jippresjedi guri ghandu jsegwi fejn si tratta ta` komunikazzjonijiet li jista` jkun hemm bejnu mal-gurati, hlief ghal dak li jiddisponi l-artikolu 471(1) tal-Kodici Kriminali dwar l-imgieba tal-gurati. Id-disposizzjoni tghid :-

> **"Minn x'ħin ġurat jiġi maħtur sakemm jiġi irreġistrat il-verdett tal-ġuri, hu ma jistax jitbiegħed u lanqas jikkomunika ħlief mal-qorti, mal-ġurati l-oħra u mal-uffiċjal maħtur biex jikkomunika mal-ġurati, barra minn f'xi każ partikulari, bil-permess tal-qorti."**

L-artikolu 470(3) imbaghad jispecifika illi mill-mument li l-gurati jibdew bid-deliberazzjoni taghhom, il-pont ta' komunikazzjoni taghhom mal-Qorti ghandu jkun ir-Registratur.

**29.** L-artikolu 470(1) imbaghad jispecifika l-mod kif il-guri ghandu jimxi meta ikun irid jitlob direzzjoni mill-Qorti :

**"l-ġuri jista' jitlob lill-qorti t-tagħrif jew it-tifsir li jkun jeħtieġ biex jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu. U dan it-tagħrif jew tifsir għandu jingħata fil-qorti bil-miftuħ."**

**30**. Dan premess, huwa evidenti li l-ligi tirregola l-imgieba tal-gurati waqt il-guri b'mod illi taghtihom il-jedd jikkomunikaw mal-Qorti izda dan irid isir permezz tar-Registratur, bl-Imhallef jindirizzahom fil-qorti fil-miftuh meta huma jitolbu direzzjoni dwar il-kaz li jkollhom quddiemhom.

**31.** Il-gurati bl-ebda mod ma ghandhom jigu influwenzati fid-decizjoni taghhom propju ghaliex il-gudizzju dwar il-fatti huwa wiehed ibbazat fuq deliberazzjoni **taghhom** hielsa minn kull pregudizzju jew influwenza barranija **inkluz** dik tal-Imhallef li jkun qieghed jippresjedi l-guri.

**32. Allura jinsorgi l-kwesit : x'inhu d-dmir tal-Imhallef li jippresjedi l-guri ?**

**33.** Ighid hekk il-Professur Sir Anthony Mamo fir-rigward tad-dmirijiet tal-Imhallef :

**"It is clear that, above all other persons taking an active part in the trial, stands the judge – an indispensable element in any procedural system. 'Rationally", says Lucchini, 'the judge remains neutral in the conflict between the two supreme interests of the process, which are personified in the prosecution and in counsel for the accused. One interest only he may and must have in view – the interest of justice; one purpose only he may and must aim at – the discovery of the truth."**

**34. Din il-Qorti tghid Illi ghalkemm it-talba tad-difiza ma saritx fil-qorti fil-miftuh, kif kellha issir, fl-assenza tal-gurati, madanakollu iz-zewg nahat kienu prezenti meta d-difiza gibdet l-attenzjoni tal-Qorti dwar xi informazzjoni li waslet ghandha dwar il-Prim'Gurat. Meta nghata l-provvediment mill-Imhallef dwar dak li kien qed jintalab, ghalkemm ghal darb`ohra ma saritx fil-qorti fil-miftuh, jirrizulta li <u>z-zewg nahat kienu prezenti</u>.**

**35**. Dan premess, ghandu jinghad illi mill-atti lanqas ma jirrizulta jekk kienx hemm komunikazzjoni mal-Prim'Gurat direttament mill-Imhallef jew inkella tramite r-Registratur tal-Qorti li l-ligi **<u>tindika u tispecifika</u>** bhala l-persuna li ghandha sservi bhala l-*go between* il-gurati u l-Imhallef.

**36.** L-Avukat Generali iqis li l-komunikazzjoni – **<u>saret kif saret</u>** – kellha effett fuq il-verdett tal-gurati billi skont l-Avukat Generali kien evidenti illi l-gudizzju seren tal-Prim'Gurat li allura kellha id-dmir tiggwida lill-gurati ordinarji kien gie ippregudikat.

**37.** Fil-fehma tal-Qorti, din hija supposizzjoni gratwita li ma hija sorretta bl-ebda mod la mill-atti u lanqas mill-appell intavolat. Dan qed jinghad ghaliex l-Avukat Generali ma jissolleva l-ebda lanjanza li fil-fehma tieghu ghamel il-gudizzju (u allura l-verdett) tal-gurati *unsafe and unsatisfactory* jew inkella li minhabba dak il-gudizzju zbaljat kien hemm xi nuqqas fl-amministrazzjoni tal-gustizzja.

**38. Ma tirrizulta l-ebda lanjanza tal-Avukat Generali diretta lejn l-apprezzament tal-provi li sar mill-gurati.**

**39**. Dan ifisser illi anke jekk din il-Qorti *gratia argomenti* kellha taccetta r-ragjonament tal-Avukat Generali dwar il-mod kif l-Ewwel Qorti ittrattat it-talba tad-difiza, dak ma jfissirx illi l-verdett milhuq ma jaghmilx gustizzja, ghaliex l-Avukat Generali ma ressaq l-ebda lanjanza fir-rigward; kif lanqas ma oggezzjona *a tempo vergine.*

**40**. Illi l-artikolu 500(4) tal-Kodici Kriminali meta jitkellem dwar il-jedd ta' l-appell tal-Avukat Generali f'dawk l-istanzi fejn tkun sehhet irregolarita` gravi fil-proceduri jiggwida lil din il-Qorti, bhala Qorti ta` Revizjoni, sabiex tilqa' l-appell biss f'dawk ic-cirkostanzi fejn tkun sehhet nuqqas fl-amministrazzjoni tal-gustizzja.

**41.** Fil-kaz tal-lum, l-Avukat Generali ma jghidx *senza mezzi termini* jew *giri di parole* fejn sehh **l-allegat nuqqas fl-amministrazzjoni tal-gustizzja**.

**42.** Ighid biss illi fil-fehma tieghu il-verdett kien zbaljat kemm legalment kif ukoll fattwalment.

**43.** Tajjeb jinghad illi l-komunikazzjoni ma sehhitx filwaqt tad-deliberazzjoni, izda qabel, u ma kellha xejn x'taqsam mal-mertu tal-kaz.

**44.** Din il-Qorti tkompli tinsisti li ma hemmx l-icken prova – **lanqas fl-atti** – illi tista' remotament tindika illi xi hadd mill-partijiet sofra xi pregudizzju rreparabbli, jew illi l-indipendenza, imparzjalita' u awtonomija tal-imhallfin tal-fatt giet b'xi mod mittiefsa.

**45.** Lanqas ma l-Avukat Generali lissen kritika wahda lejn il-validita` fid-dritt tad-decizjoni tal-Ewwel Qorti.

**46.** Huwa riportat illi :-

> **"The relationship between judge and jury is never more intense than during the jury deliberation process. During this period, the judge exerts considerable influence over the jury, and he must use that influence prudently and sensitively. The judge ministers to the jury's personal needs, controls the deliberation schedule, facilitates review of evidence, answers jury questions about legal and factual issues, reiterates legal instructions, investigates allegations of irregularities, and determines the overall pace and extent of deliberations. In exercising these functions, the judge must strive to maintain a delicate balance between affording the jury sufficient autonomy to reach conscientiously no decision and at the same time urge the jury without improper pressure to reach a fair and an impartial verdict. Two principal kinds of improper judicial behavior can occur during this process: first, judicial conduct that attempts to place undue pressure on a jury to reach a verdict, and second, judicial participation in private, ex parte communications with jurors**
>
> **A judge should not communicate with the jury on any matter pertaining to the case except after giving notice to the parties and affording them a reasonable opportunity to be present and to be heard. This rule against ex parte contacts is based on concerns of orderly trial procedure and ensuring that the jury remains impartial. Proper procedure requires certain precautions. ….**

**In Rushen v. Spain, 464 U.S. 114 (1983), the Court held in a per curiam opinion that the judge's private unrecorded meeting with a juror concerning her fear that certain evidence might upset her, even if a constitutional error, was harmless. This "innocuous " meeting did not include discussion of any factual or legal matters pertaining to the case and the jury's deliberations were not found to have been biased. Although the right to personal presence at all critical stages of the trial and the right to counsel are fundamental rights of each criminal defendant, the day-to-day realities of courtroom life" also have to be considered. [d. at 117- 119.) "There is scarcely a lengthy trial in which one or more juror do not have occasion to speak to the trial judge about something, whether it relates to a matter of personal comfort or to some aspect of the trial. " [d. at 118. The Court emphasized that ex parte contacts could be of serious concern, and that convictions should be overturned when prejudice is shown.**[2]

**47.** Illi allura mhux bizzejjed illi l-Avukat Generali jikkontendi fil-lanjanza minnu ventilata illi il-komunikazzjoni li sehhet holqot pregudizzju fil-kors tal-guri tant illi fil-fehma tieghu din kellha influwenza fuq il-verdett. Kellu jindika kif inholoq dak il-pregudizzju, u jekk setax jissarraf f'xi nuqqas fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. L-Avukat Generali ma ressaq l-ebda aggravju dwar il-verdett.

**48.** Illi ghalkemm il-Qorti hija tal-fehma illi l-aggravju mqanqal mill-Avukat Generali ma jisthoqqlux akkoljiment u dan ghal motivi hawn fuq imfissra, madanakollu thoss illi ghandha tafferma illi l-indipendenza tal-gudikatura huwa wiehed mill-principji fundamentali tas-saltna tad-dritt.

[2] https://digitalcommons.pace.edu /cgi/viewcontent.cgi?article=1937&context=lawfaculty

**49. Tishaq illi l-integrita` tal-gustizzja kriminali ghandha s-sisien taghha fuq id-dritt tas-smigh xieraq li ghandu jsir fil-pubbliku minn tribunal indipendenti.**

**50.** Il-Qorti tistqarr illi kull talba li ssir mill-partijiet ghandha dejjem issir fil-qorti fil-miftuh. Ebda komunikazzjoni mal-gudikant sedenti fil-qorti ma ghandha issir diversament.

**51. Kull sottomissjoni ghandha ssir fil-miftuh sabiex il-principju tat-trasparenza ma jkunx mittiefes. L-ebda avukat, li huwa ufficjal tal-qorti, ma ghandu jazzarda li jressaq talbiet lill-Qorti jekk mhux fil-qorti bil-miftuh, anke jekk dawn it-talbiet isiru fil-presenza tal-partijiet kollha fil-vertenza, u anke jekk l-istess isiru b'intenzjoni tajba. Mhux biss izda kull avveniment li jsehh matul il-proceduri gudizzjarji ghandu dejjem jigi debitament rifless fil-verbali tal-qorti.**

**52. Maghdud dan, din il-Qorti tqis illi ladarba l-Avukat Generali ma jindikax fil-lanjanzi minnu ventilati fiex kien jikkonsisti l-pregudizzju li nholoq bit-talba tad-difiza u l-mod kif l-istess giet itrattata mill-Ewwel Qorti, u billi lanqas jindika jekk tali pregudizzju setax kellu effett fuq il-verdett milhuq tant illi sehhet xi nuqqas fl-amminsitrazzjoni tal-gustizzja u dan fit-termini tal-artikolu 500(4) tal-Kodici Kriminali, l-aggravji minnu imressqa qed jigu michuda.**

**53. Tenut kont tal-premess, din il-Qorti ma tarax l-utilita` illi tqis il-pregudizzjali <u>sollevata mill-appellat</u> dwar l-irritwalita' ta' l-appell.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma l-verdett u s-sentenza appellata.**

**(ft) Imhallfin**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**

**Deputat Registratur**